# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU 1438

Kaz Nru 1709

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Adrian Grasso

u

Corinthia Palace Hotel Co Ltd

dwar tkeccija mill-Impieg allegata li hi ngusta

Illum il-Gimgha 17 ta' Ottubru 2003

Chairman: Is-Sur Carmel Debono

1. Introduzzjoni.

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet irriferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Politika Socjali, b'ittra datata t-23 ta' Settembru 2002, Ref. MSP/TI/90/2002 biex tigi pprocessata skond l-Artiklu 28(2) tal-Att dwar Relazzjonijiet Industrijali (Kap 266) tal-Ligijiet ta' Malta.

Peress li quddiem l-istess Tribunal hemm kaz iehor identiku ta' l-appellant Kurt Borg (Kaz Nru 1710) kontra l-istess Socjeta' li kienet wkoll assistita mill–istess konsulent legali u peress li fiz-zewg kazi kienet sejra tinstema l-istess xhieda, gie deciz fl-ewwel seduta tal-15 ta' Novembru 2002, li l-kazijiet jigu ttrattati f'daqqa, pero' decizi separatament.

L-appellanti, Adrian Grasso u Kurt Borg kienu assistiti mis-Sur Joe Grima, Segretarju tat-Taqsima Ospitalita' u Ikel tal-General Workers' Union.

Ghas-Socjeta' Corinthia Palace Hotel Co Ltd dehru is-Sinjura Michelle Borg, H.R. Manager tal-Corinthia Group u s-Sur Alan Sant, HR Executive tal-Corinthia Palace Hotel, li kienu assistiti mill-Avukat Joseph J. Vella LL.D. u L-Avv. Vanessa Borg LL.D.

It-Tribunal zamm hdax-il (11) seduta.

2. Xhieda.

Tul is-smiegh tal-kaz xehedu s-segwenti individwi:

Is-Sur Daniel Sung - Head Chef;
Is-Sur John Quattromani - Security Officer;
Is-Sur Martin Brightwell - Restaurant Supervisor;
Is-Sur Mario Vella Laurenti - Night Auditor u Manager;
Is-Sur Ray Pisani - Chief Security;
Is-Sur Shawn Pisani - General Manager;
Is-Sur Joe Cini – Gas Technician privat;
Is-Sur Frank Gauci – Maintenance Manager;
Is-Sur Raymond Saliba – Kitchen Porter;
Is-Sur Anthony Gauci – Part-time Chef;
Is-Sur Kurt Borg – Appellant;
L-Ispettur Michael Mallia – Malta Police;
Is-Sur Adrian Grasso – Appellant;

3. Dokumenti.

Tul is-smiegh tal-kwistjoni gew esebiti u pprezentati diversi dokumenti fosthom "handwritten report" tas-Sur John Quattromani, Security Officer, kif ukoll "typed report" datat it-18 ta' April 2002 mis-Sur Ray Pisani, Chief Security.

4. L-Istorja.

L-impjieg taz-zewg appellanti deskritti bhala Assistant Chefs jew Cooks gie tterminat fil-5 ta' Gunju 2002 wara nvestigazzjoni dwar "leakage" ta' gass fir-Rickshaw Restaurant tal-Corinthia Palace Hotel fil-lejl taz-17/18 ta' April 2002.

Huma gew misjuba "grossly negligent in the carrying out of your duties and that you have disregarded instructions and company procedures" skond kif tghid l-ittra datata l-5 ta' Gunju 2002 iffirmata mill-General Manager.

Iz-zewg appellanti gew sospiza mix-xoghol fid-19 ta' Marzu 2002 sakemm issir l-investigazzjoni. Is-Socjeta' ghaddiet u rrefiriet l-incident lill-Pulizija tad-Distrett.

Adrian Grasso kien gie impjegat fit-12 ta' Mejju 1997 waqt li Kurt Borg kien gie impjegat fil-5 ta' Lulju 1999.

Is-salarju ta' Adrian Grasso kien ta' Mija u disa' u tmenin Liri Maltin (Lm189) waqt li ta' Kurt Borg kien ta' Mija u disa' u tmenin Liri Maltijn (Lm189).

Il-kcina tar-Rickshaw Restaurant kienet tinghalaq b'katnazz li c-cwievet taghha jigu ddepositati fl-ufficcju tas-Security fil-bieb tal-hrug ta' l-impjegati.

Il-persuni involuti fil-lejl taz-17/18 ta' April 2002 kienu l-appellant Kurt Borg li ppancja l-hrug 00.38, l-appellant Adrian Grasso li ppancja l-hrug 00.44, Anthony Gauci li ppancja l-hrug 00.04 u Ray Saliba li ppancja l-hrug 01.08.

Ir-rapport tal-leakage sar fl-01.05 skond ir-rapport tas-Sur Ray Pisani, Chief Security Officer.

Possibbli li s-Security tal-Hotel kienu jehduha "for granted" li meta jigu ddepozitati c-cwievet tal-katnazz tal-kcina, dan il-post kien ikun mghaluq? Konluzzjoni stramba jghid it-Tribunal meta l-Porter, li kien inaddaf il-kcina f'gheluq ix-shift kien johrog xi hin wara li jkunu telqu u hargu c-Chefs, f'dan il-kaz erba' u ghoxrin minuta wara.

Id-doveri li l-impjegati ghandhom li jizguraw li l-post tax-xoghol jkun 'safe' f'kull hin japplika wkoll ghal dawk ta' fuqhom li jaraw u jissorvelja li ma jkunx hemm pratticitajjiet hafna drabi irregolari li ma jikkonfermawx mas-salvagward assolut tal-post tax-xoghol.

Ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-"leakage" tal-gass fir-Rickshaw Restaurant tal-Corinthia fil-lejl taz-17/18 ta' April 2002. Dan kien ikkonfermat kemm mis-Sur Brightwell, Duty Manager u s-Sur Quattromani, Security Officer li immedjatament ghalqu l-main valve tal-gass fil-kcina tar-Restaurant.

Lanqas ma hemm kontestazzjoni li z-zewg appellanti telqu f'xi hin wara u hallew lill-Porter inaddaf il-kcina, li dan jghid li meta telaq mill-kcina ma xamm l-ebda rieha ta' gass.

Ma hemmx anqas kontestazzjoni li l-ezaminazzjoni tal-valves li jikkontrollaw is-'supply' tal-gass ma jurix li kienu difettuzi. Seta' biss kien hemm il-possibilta li l-"main valve" tas-"supply" tal-gass ma kienx mghaluq "tight".

Iz-zewg appellanti dahlu ghax-xoghol normali l-ghada u biss saru jafu bl-incident meta xi granet wara gew interrogati mill-Management u mgharrfa li l-impjieg taghhom gie tterminat.

It-Tribunal jinnota li meta z-zewg appellanti spiccaw mix-xoghol, hallew il-kcina miftuha, bil-Porter inaddaf.

5. Konsiderazzjonijiet.

Xejn ma hareg car dwar ir-responsabblita' tad-depositu tac-cwievet tal-katnazz tal-kcina. Jistaqsi it-Tribunal xi procedura hi din li dawn ic-cwievet jigu ddepositati mix-Chefs qabel il-hrug waqt li l-kcina tkun ghada miftuha b'haddiehor jahdem fil-kcina, procedura korretta jew le, izda li tidher kienet applikata regolarment u li ma jidhirx li giet ikkorreguta jekk kienet skorretta.

Dan ma jfissirx li z-zewg appellanti ma setghux kienu negligenti izda fic-cirkostanzi bhal dawn ma jistax jinghad minghajr l-ebda dubbju li dan kien kaz ta' negligenza meta il-kcina kienet miftuha wara li l-appellanti ippancjaw u hargu l-barra mill-Hotel.

Fl-ebda stadju tal-proceduri ma jidher li kienet procedura stabbilita li l-kcina kellha tkun mghaluqa bil-katnazz mill-Kok jew miz-zewg Assistenti, l-appellanti. Li hu zgur li c-cwievet tal-katnazz tal-kcina kellhom ikunu ddepozitati fl-ufficcju tas-Security qabel il-hrug.

Wara t-temm ta' l-impjieg ta' l-appellanti, l-Management irrefera l-kaz lill-Pulizija, li sejhu lill-appellanti, lill-Porter u lill-part-timer u nnvestigawhom, li s'issa l-investigazzjoni ghadha miftuha minghajr konkluzzjoni.

It-Tribunal ma jara l-ebda validita fl-argument li l-gas-detectors tal-kcina fis-saqaf ma kienux "operative". Li hu ampjament importanti hu li n-nuqqas ta' din ix-xorta seta' kellu rizultat serju hafna u wiehed jifhem l-anzjeta' tas-Socjeta' li ma tiehux riskju li thalli l-istess impjegati jkomplu jahdmu fil-kcina fejn issucceda il-"gas leakage".

Jibqa biss, fil-fehma tat-Tribunal, kemm kienet iggustifikata s-Socjeta' tittermina l-impjieg ta' l-appellanti meta ddeciediet li tghaddi l-incident lill-Pulizija wara li ma setghetx, wiehed jassumi, tasal biex tiddetermina u tiddeciedi minn kien attwalment fi kliem semplici kkawza l-incident.

Hija ferm logika li t-Tribunal jistaqsi jekk is-Socjeta' setghetx tindika definittivament min kien kolpevoli, minghajr ma tigbed erba' (4) impjegati fis-suspett li wiehed minnhom seta' kien li kkaguna l-"leakage"?

Fil-fehma meqjusa tat-Tribunal biex is-Socjeta' kienet tkun koperta kompletament u tkun sodisfatta li tissalvaggwardja s-"safety" tar-Restaurant u l-Hotel u ma thallix l-attendenza fir-Restaurant ta' l-impjegati involuti fl-incident, kellha li tissospendi l-individwi mix-xoghol sakemm tittiehed deicizjoni mill-Pulizija galadarba s-Socjeta'

ma kinitx f'pozizzjoni li tiddikjara definittivament minn kien responsabbli direttament tal-"leakage" tal-gass fir-Rickshaw Restaurant tal-Corinthia Hotel fil-lejl tas-17/18 ta' April 2002.

Jista jkun li s-Socjeta' tistaqsi kif setghet tissospendi l-individwi meta ma kellha l-ebda hjiel meta l-Puluzija setghu jaslu biex jaghlqu l-kaz.

Izda dan huwa ta' relevanza relattivament minima meta taht konsiderazzjoni hemm l-aspett ta' nuqqas gravi, it-terminazzjoni ta' l-impjieg u l-kondotta tal-persuni nvoluti,

Kwindi t-Tribunal jistaqsi jekk is-Socjeta' kinitx zbaljata li tiddeciedi li tittermina l-impjieg taz-zewg appellanti meta d-decizjoni tat-temm ta' l-impjieg kienet kollettiva b'persuni ohra taht is-suspett, u meta s-Socjeta' ma kelliex evidenza bizzejjed u cara li z-zewg appellanti kienu *prima face* hatja.

Minn naha l-ohra huwa veru li s-Socjeta' tramite l-proceduri dixxiplinarji elenkati fil-Ftehim Kollettiv ghandha d-dritt tittermina l-impjieg f'kazi li tifhem huma serji, izda s-Socjeta' ma tridx tinsa li f'din l-okkazzjoni irinnunzjat li tghati decizjoni definittiva. Li s-Socjeta' tghid li ma setghetx izzomm fl-impjieg persuni, f'dan il-kaz iz-zewg appellanti, ghax ma setghetx tafdhom fl-impjieg wara cirkostanzi kkunsidrati serji, izda trid taccetta li ma setghetx tghid min kien kolpevoli minghajr dubbju u b'hekk irrendiet id-decizjoni li hadet ingusta.

Meta s-Socjeta' rreferit l-incident tal-"leakage" lill-Pulizija tista' tghid li dan ghamlitu ghax dehrilha li dan seta kien kaz li jikkwalifika bhala "prima facie" Att Kriminali u mhux biex il-Pulizija tiddeciedi hi minn kien kolpevoli. Nonostante dan, xorta t-Tribunal jifhem li s-Socjeta' ma kinitx f'pozizzjoni li tesprimi ruha car u deffinittiv.

Din id-decizjoni tat-Tribunal ma hijix indikazzjoni u/jew dikjarazzjoni dwar il-pozizzjoni tas-zewg appellanti rigward l-investigazzjoni tal-Pulizija, izda biss decizjoni dwar kemm is-Socjeta' kienet korretta jew le fid-decizjoni taghha li tittermina l-impjieg taz-zewg appellanti.

Decizjoni.

Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra l-Istatements of Case tal-partijiet, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, sema' u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u l-osservazzjonijiet addizzjonali tal-partijiet, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet citati hawn fuq jiddikjara li ma hux sodisfatt mill-provi tas-Socjeta' li l-appellant Adrian Grasso kien jimmeritah li l-impieg tieghu jigi tterminat.

U ghaldaqstant jiddeciedi li t-terminazzjoni ta' l-impieg ta' l-appellant Adrian Grasso ma tikkwalifikax bhala wahda tajba u sufficjenti skond il-Ligi.

It-Tribunal Industrijali ghalhekk jiddeciedi li s-Socjeta' Corinthia Palace Hotel Co Ltd ghandha thallas kumpens fis-somma ta' Tlett Elef u Erba' u Ghoxrin Liri Maltin (Lm3,024) lill-appellant Adrian Grasso, mhux aktar tard minn erba' (4) gimghat mid-data ta' din id-decizjoni.

B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xoghol.

E Debono

---------------------------------
Carmel Debono
Chairman